TIRRANĠAHA JEW TERĠA' TUŻAHA?



# Trasport b'xejn għall-anzjani u persuni b'diżabbilità f'Bormla

Nov 02, 2017 14:52 Miktub minn Charlo Lautier



“Dan il-proġett ta’ trasport b’xejn għall-anzjani u lil persuni b’diżabilità f’Bormla, għalkemm għalissa qed iseħħ f’lokalità waħda, se jkun ta’ eżempju tajjeb biex aktar Kunsilli Lokali jagħmlu l-istess.” Sostna dan il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali Ian Borg ilbieraħ hekk kif ġie mħabbar li l-Kunsill Lokali ta’ Bormla se jibda joffri servizz ta’ trasport bla ħlas lir-residenti anzjani u dawk bi bżonnijiet speċjali biex jagħmlu l-qadi tagħhom.

Il-Ministru Borg qal li meta jkollok lokalità bħal Bormla b’ħafna anzjani u b’attività kontinwa, hija xi ħaġa sabiħa li l-Kunsill jikkontribwixxi lil komunità. Semma kif Bormla fiha ħafna tlajja u inżul kif ukoll bosta turġien li jagħmilha diffiċli ferm lil dawk l-anzjani biex imorru jagħmlu l-qadja tagħhom.

Dr Borg qal li l-għajnuna ta’ €60,000 mill-Ministeru tat-Trasport, ta l-kuraġġ kollu biex il-Kunsill Lokali ta’ Bormla jmur għal din l-inizjattiva. Żied jgħid li permezz ta’ €12,000 mill-fondi tal-Kunsill setgħu jinxtraw żewġ vannijiet li jaħdmu bl-elettriku biex joffru dan is-servizz.

Il-Ministru Borg waqt li faħħar din l-inizjattiva fakkar li l-miżuri tal-Baġit speċjalment fejn jidħlu vetturi elettriċi u Hybrid huma utli biex jonqos it-tniġġis fl-arja f’pajjiżna. Qal li bit-tneħħija tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq dawn it-tip ta’ vetturi, l-Gvern qed jaspira li jilħaq il-mira li jkun hawn 5,000 vettura ta’ din it-tip sas-sena 2020. Qal li għad baqa’ ħafna xi jsir peress li sa issa hawn madwar 1,000 vettura biss ta’ din it-tip.

Saħaq li l-Gvern għamel l-almu tiegħu billi qed jinċentiva kemm jista u installa għexieren ta’ charging points, u issa jmiss il-pass tal-pubbliku biex jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu.

Sadanittant is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern u Komunitajiet Silvio Parnis sostna li huwa fid-dmir ta’ dan il-Gvern li l-Kunsilli Lokali jkunu qrib iċ-ċittadin. Qal li l-Kunsill ta’ Bormla mhux biss qed iħaddem il-fondi li tah il-Gvern iżda ħaddem rasu biex ġab iktar fondi.

Is-Segretarju Parlamentari Parnis żied jgħid li din l-inizjattiva hija waħda ta’ kuraġġ lejn ir-residenti biex jingħataw l-għajnuna kollha li jeħtieġ u żvela ‘l ħsieb li dan jinfirex fil-lokalitajiet kollha tal-Kottonera.

Silvio Parnis appella biex aktar Kunsilli Lokali jagħmlu l-istess biex jgħinu lir-residenti rispettivi tagħhom u biex jinħolqu aktar proġetti biex jitjiebu l-lokalitajiet ta’ pajjiżna.

Fl-aħħarnett is-Sindku tal-lokalità Alison Zerafa sostniet li kemm ‘il darba tinħass il-ħtieġa, il-Kunsill, se jkun qed jikkunsidra l-possibilità li jestendi s-servizz lir-residenti kollha fil-lokalità. Qalet li se tkun qed tiġi evalwata wkoll il-possibilità li jinnegozzjaw mal-ibliet tal-Kottonera bil-għan li s-servizz ma jkunx disponibbli biss fil-konfini tal-lokalità iżda jinfirex għall-Kottonera kollha.

Is-Sindku Zerafa saħqet li minbarra li se jgħin lill-anzjani u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali fid-diffikultajiet ta' mobilità, il-proġett għandu l-għan ewlieni li jnaqqas in-numru ta' vetturi li jgħaddu miċ-ċentru ta' Bormla u għandaqstant filwaqt li jnaqqas il-konġestjoni miż-żona jgħin sabiex jonqos it-tniġġis tal-arja u l-istorbju minn vetturi privati peress li l-vetturi li se jkunu qed jiġu wżati jaħdmu bl-elettriku.

Is-Sindku avżat lir-residenti li sa l-aħħar ta' din is-sena s-servizz se jibda jingħata kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u Ġimgħa mit-8.00.a.m. sas 1.30.p.m., u dawk ir-residenti li jkollhom bżonnu għandhom iċemplu fuq in-numru tat-telefown 21663030. Temmet tgħid li jekk is-servizz ikun suċċess, minn Jannar tas-sena d-dieħla jibda jopera kuljum.




## Simili





